



---

*Kumitat għall-Iżvilupp*

---

**2017/2009(INI)**

19.6.2017

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar azzjoni tal-UE għas-sostenibbiltà  
(2017/2009(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Elly Schlein

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli għandha potenzjal ta' trasformazzjoni u tistabilixxi għanijiet universali, ambizzjużi, komprensivi, indiviżibbli u interrelatati, li jkollhom l-għan li jeqirdu l-faqar, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, u l-promozzjoni tal-prosperità, ir-responsabbiltà ambjentali, l-inklużjoni soċjali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll it-tisħiħ tal-paċi u s-sigurtà; billi dawn l-għanijiet jeħtieġu azzjoni immedjata bl-għan li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa u effettiva;
- B. billi l-Kummissjoni għadha ma stabbilixxietx strateġija komprensiva biex timplimenta l-Aġenda 2030 li tinkludi oqsma politiċi interni u esterni bi skeda ta' żmien dettaljata sal-2030, kif mitlub mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar is-segwitu u r-rieżami tal-aġenda<sup>1</sup>, u għadha ma ħaditx rwol ġenerali ta' koordinament għall-azzjonijiet meħuda fuq livell nazzjonali; billi strateġija ta' implimentazzjoni effettiva u mekkaniżmu ta' monitoraġġ u rieżami huma essenzjali biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs);
- C. billi t-tibdil fil-klima mhuwiex kwistjoni ambjentali separata, iżda jippreżenta, skont in-NU<sup>2</sup>, waħda mill-ikbar sfidi ta' żminijietna u joħloq theddida serja għall-iżvilupp sostenibbli, u l-impatti mifruxa u mingħajr preċedent tiegħu jifgħu piż sproporzjonat fuq l-ifqar u l-aktar vulnerabbli u jżidu l-inugwaljanzi bejn il-pajjiżi u fi hdnhom; billi azzjoni urġenti kontra t-tibdil fil-klima hija integrali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-SDGs;
- D. billi l-finanzjament tal-SDGs jirrappreżenta sfida enormi li titlob sħubija qawwija u globali u l-użu ta' kull forma ta' finanzjament (minn sorsi domestiċi, internazzjonali, pubbliċi, privati u innovattivi), kif ukoll mezzi mhux finanzjarji; billi l-finanzjament privat jista' jikkomplementa, iżda mhux jissostitwixxi, il-finanzjament pubbliku;
- E. billi l-mobilizzazzjoni effikaċi tar-riżorsi domestiċi hija fattur indispensabbli biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Aġenda 2030; billi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma affettwati b'mod partikolari mill-evaljazzjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa korporattivi;
- F. billi l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli jitlob reżiljenza, li jenħtieġ li tiġi promossa permezz ta' approċċ multidimensjonali għall-azzjoni esterna tal-UE u permezz tar-rispett tal-prinċipju tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp; billi l-politiki tal-Istati Membri u tal-UE għandhom effetti intenzjonati kif ukoll mhux intenzjonati fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u l-SDGs jikkostitwixxu opportunità unika biex tinkiseb aktar koerenza u politiki aktar ġusti lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
- G. billi l-kummerċ internazzjonali jista' jkun mutur b'saħħtu tal-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiku, u l-parti l-kbira tal-importazzjonijiet tal-UE ġejjin minn pajjiżi li qed

<sup>1</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Mejju 2016. Testi adottati, P8\_TA(2016)0224.

<sup>2</sup> <https://unstats.un.org/sdgs/report/2016/goal-13/>

jiżviluppaw; billi l-Aġenda 2030 tirrikonoxxi l-kummerċ bħala mezz biex jintlaħqu l-SDGs;

- H. billi l-indirizzar tal-isfida tal-migrazzjoni, u l-ħtiġijiet ta' popolazzjoni globali dejjem akbar hija essenzjali għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli; billi l-Aġenda 2030 tenfasizza r-rwol tal-migrazzjoni bħala mutur potenzjali tal-iżvilupp; billi l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi l-qerda tal-faqar bħala l-oġġettiv primarju tal-politiki għall-iżvilupp tal-UE;
1. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal strateġija wiesgħa u ambizzjuża li tgħaqqad flimkien inizjattivi eżistenti, tistabbilixxi prijoritajiet ġodda infurmati permezz ta' analiżi estensiva tad-distakk tal-politiki eżistenti u l-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll permezz ta' sinerġiji u inkoerenzi bejn dawn il-politiki, u li tipprovdli gwida kemm għall-istituzzjonijiet tal-UE u kemm għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rieżami tagħhom tal-Aġenda 2030; billi dan għandu jsir filwaqt li jkun żgurat li kemm il-politiki interni kif ukoll dawk esterni tal-UE huma skont l-aġenda, mingħajr ma wieħed jistenna li tiskadi l-istrateġija Ewropa 2020 qabel jibda dan il-proċess;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiddefinixxu pjan ta' implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 ċar, konkret, ambizzjuż u dettaljat għall-UE kollha b'miri speċifiċi, skedi ta' żmien fissi u metodoloġija għal koordinazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha; jenfasizza li dan il-pjan ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jkun imsaħħaħ b'qafas ta' monitoraġġ, responsabbiltà u rieżami trasparenti u robust, bl-involviment mill-qrib tal-Parlament Ewropew u s-soċjetà ċivili; jenfasizza li dan jenħtieġ li jkun ibbażat ukoll fuq sett komprensiv ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi li jistgħu jiġu vvalutati, li jkopru d-drittijiet tal-bniedem u fatturi soċjali, ekonomiċi u ambjentali, u jenħtieġ li ma jiddependix biss fuq indikaturi tradizzjonali bħall-PDG, peress li dan ma jirriflettix inugwaljanzi jew degradazzjoni ambjentali;
  3. Ifakkar fl-importanza tal-prinċipju sottostanti tal-Aġenda 2030 li "ħadd ma jitħalla lura"; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni b'saħħitha biex jindirizzaw l-inugwaljanzi fi ħdan u bejn il-pajjiżi, peress li dawn ikabbru l-impatt ta' sfidi globali oħrajn u jostakolaw il-progress fl-iżvilupp sostenibbli; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu r-riċerka u diżaggregazzjoni tad-data fil-politiki tagħhom sabiex jiżguraw li dawk li huma l-aktar vulnerabbli u emarġinati jiġu inklużi u jingħataw prijorità;
  4. Jenfasizza li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss jenħtieġ li jitfassal b'tali mod li jippermetti l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE u l-pjan ta' implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u jiżgura kontribut sostanzjali min-naħa tal-UE għall-kisba tal-għanijiet u l-miri tal-Aġenda 2030 fid-dinja kollha; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-QFP li jmiss jintegra l-prijoritajiet tal-iżvilupp sostenibbli tul il-baġit tal-UE, u li l-istrumenti finanzjarji kollha jallokaw biżżejjed fondi sabiex l-UE tkun tista' tilħaq l-impenji tagħha tal-2030;
  5. Jilqa', bil-ħsieb li jiġi appoġġat l-oġġettiv li l-SDG 3 – li jiġu żgurati s-saħħa u l-benesseri ta' kulħadd – ir-rapport tal-Panel ta' Livell Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Aċċess għall-Mediċini, u jitlob lill-Kummissjoni tipproponi l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu fl-oqsma ta' politika rilevanti;
  6. Jenfasizza l-importanza tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) bħala strument

ewlieni għall-kisba tal-Aġenda 2030, biex jinqed il-faqar fil-forom kollha tiegħu u l-għieda kontra l-inugwaljanzi, filwaqt li jtenni li l-għajnuna għall-iżvilupp waħedha mhix biżżejjed biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw joħorġu mill-faqar; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi strumenti li jinkoraġġixxu aktar responsabbiltà, bħall-appoġġ baġitarju; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom mill-ġdid mingħajr dewmien favur il-mira ta' 0.7 % tal-introjt nazzjonali gross u jippreżentaw proposti kalendarji dettaljati għaż-żieda gradwali tal-ODA sabiex tintlaħaq din il-mira; ifakkar fl-impenn tal-UE li talloka tal-anqas 20 % tal-ODA tagħha għall-iżvilupp uman u l-inklużjoni soċjali u jitlob impenn imġedded għal dan l-għan; jistieden lill-Kummissjoni twettaq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Għajnuna fl-Iżvilupp tal-OECD (DAC) li jintlaħaq element medju annwali ta' għotja ta' 86 % ta' impenji totali tal-ODA; jitlob li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) titħares mid-devjazzjoni u biex il-prinċipji maqbulin internazzjonalment dwar l-effikaċja tal-iżvilupp jiġu rrispettati, billi jinżamm l-oġettiv fundamentali tal-ODA għall-qerda tal-faqar, b'enfasi partikolari fuq il-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) u f'kundestji fraġli; ifakkar fil-ħtieġa li fi ħdan aġenda tal-iżvilupp usa', wieħed imur lil hinn mir-relazzjoni ta' donatur/benefiċjarju;

7. Jenfasizza l-fatt li x-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni (STI) huma mezz essenzjali għall-implimentazzjoni tal-SDGs, peress li jixprunaw l-iżvilupp soċjali u ekonomiku u jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet li jsalvaw il-ħajja u li jindirizzaw il-piż fil-livell dinji ta' mard relatat mal-faqar u li ġie traskurat; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu kemm l-ambjent finanzjarju u kemm dak politiku biex jipromwovu l-STI permezz tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħhom;
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jafferimaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) bħala kontribut importanti lejn il-kisba ta' Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli (PCSD) usa', hekk kif dan huwa ta' importanza vitali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-SDGs; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa li l-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk kummerċjali, fiskali, tal-migrazzjoni, l-agrikoltura u l-enerġija ikunu konformi mal-Artikolu 208 TFUE u ma jdgħajfux id-drittijiet tal-bniedem jew il-kapaċità ta' pajjiżi terzi biex jiksbu żvilupp sostenibbli; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi tal-PCD u tal-PCSD fi ħdan l-istituzzjonijiet kollha tal-UE u t-fassil tal-politika, u li jkun żgurat li l-prinċipju tal-koerenza tal-politiki jiġi rrispettat b'mod adegwat fil-valutazzjonijiet tal-impatt pubbliċi regolari, u billi jiġu introdotti mekkaniżmi adegwati għar-responsabbiltà, il-mitigazzjoni u r-rimedju;
9. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jintegraw b'mod effettiv il-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima fil-politiki tal-iżvilupp; jenfasizza l-ħtieġa li jitħeġġew it-trasferimenti tat-teknoloġija għall-effiċjenza fl-enerġija u t-teknoloġiji nodfa u li jiġu appoġġati investimenti fuq proġetti tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira, li mhumiex kollegati mal-grilja u deċentralizzati; jitlob lill-UE żżid l-assistenza tagħha għall-agrikoltura sostenibbli sabiex jiġi ffaċċjat it-tibdil fil-klima, permezz ta' appoġġ immirat għal bdiewa fuq skala żgħira, id-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba', l-agrosilvikultura u prattiki agroekoloġiċi;
10. Jenfasizza r-rwol tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli fis-segwitu u r-rieżami tal-SDGs, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jonoraw ir-rwol ewlieni tal-UE fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 billi jaqblu dwar pożizzjonijiet konġunti fil-livell tal-

UE u rappurtar konġunt tal-UE, abbażi ta' rappurtar koordinat mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, qabel il-Forum Politiku ta' Livell Għoli taħt il-patroċinju tal-Assemblea Ġenerali; jistieden lill-Kummissjoni tieġu kont tal-azzjonijiet eżistenti matul il-Forum Politiku ta' Livell Għoli li jmiss u l-SDGs speċifiċi li se jkunu taħt rieżami;

11. Jitlob li jitwaqqaf mekkaniżmu ta' koordinazzjoni bejn il-kumitati fil-Parlament Ewropew, bil-mandat li jissorvelja u jsegwi l-implimentazzjoni tal-impenji tal-UE dwar l-Aġenda 2030; jenfasizza li l-Parlament irid jieħdu l-impenn li jwaqqaf tali strutturi ta' koordinazzjoni (eż. inventarju annwali fil-plenarja abbażi ta' rapporti tal-progress, grupp ta' punti fokali fost il-kumitati kollha jew tal-intergrupp iddedikat) u jaħtar fl-ogħla livell possibbli persuna waħda jew iktar responsabbli li jiggwidaw dawn l-isforzi ta' koordinazzjoni;
12. Jenfasizza li t-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli – ambjentali, ekonomika u soċjali – huma marbuta b'mod li ma jistgħux jinfirdu, u jenfasizza li s-sostenibbiltà ekonomika hija essenzjali għall-ambjent; jenfasizza li l-promozzjoni ta' governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem hija essenzjali, mhux biss għas-sostenibbiltà soċjali, iżda anke għal użu responsabbli tar-riżorsi naturali u l-protezzjoni tal-ambjent; jistieden lill-Kummissjoni tmexxi kooperazzjoni internazzjonali wiesgħa, taħdem flimkien ma' sħab terzi biex tinbena r-reżiljenza u kapaċità ta' adattament għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, u tiżviluppa modi sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-ġejjieni u tħaffef it-tnaqqis tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra skont l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 13 u l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima;
13. Jemmen li l-appoġġ tal-paċi, is-sigurtà u l-ġustizzja fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw huwa kruċjali; jenfasizza li l-finanzjament għan-nefqa relatata mas-sigurtà, li ma tikkostitwixxi ODA, irid jiġi minn strumenti oħra għajr l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) jew il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) jew kwalunkwe mekkaniżmu ieħor li jibbenefika minn dawn l-istrumenti;
14. Jieħu nota tar-rwol tas-settur privat, speċjalment il-mikrointrapriżi u l-SMEs lokali, fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, b'mod partikolari r-responsabbiltà tagħhom għat-tranżizzjoni lejn xejriet ta' konsum u produzzjoni sostenibbli fl-Ewropa u fid-dinja; ifakkar li l-finanzjament privat jista' jikkomplementa, iżda mhux jissostitwixxi, il-finanzjament pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi obbligi vinkolanti għal responsabbiltà korporattiva u trasparenza sabiex tiżgura li l-kontribut mis-settur privat huwa f'konformità sħiħa mal-Aġenda 2030, permezz ta' żamma sħiħa ma' standards ambjentali, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem ċari u konformità mal-prinċipji ta' finanzjament responsabbli u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem; ifakkar, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' valutazzjonijiet *ex ante* u *ex post* tal-eżiti tal-iżvilupp fl-involviment tas-settur privat;
15. Jenfasizza li l-iżgurar ta' ġustizzja fiskali u trasparenza, il-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa, il-qerda ta' flussi finanzjarji illeċiti u ta' rifuġji fiskali, kif ukoll il-ġestjoni mtejbja tal-finanzi pubbliċi, tkabbir ekonomiku sostenibbli u ż-żieda fil-Mobilizzazzjoni tar-Riżorsi Domestiċi, huma kruċjali għall-finanzjament tal-Aġenda 2030; jitlob lill-UE toħloq programm ta' finanzjament (DEVETAX2030) biex b'mod speċifiku tgħin l-istabbiliment ta' strutturi tat-taxxa f'ekonomiji tas-suq emerġenti u tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw

joħolqu uffiċċji reġjonali ġodda tal-awtorità tat-taxxa; itenni t-talba tiegħu għal taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji fil-livell globali sabiex jiġu ttrattati l-isfidi globali tal-faqar, għal investigazzjoni dwar l-impatt tal-politiki kollha tat-taxxa nazzjonali u tal-UE fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u biex jinżamm il-prinċipju tal-PCD fil-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam;

16. Jenfasizza l-importanza ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles ġusti u etiċi u jħeġġeġ lill-UE tfassal l-istrateġija tagħha għall-politika kummerċjali b'konformità mal-Aġenda 2030, filwaqt li jiġi rrispettat l-ispazju ta' politika tal-pajjiżi terzi li jirregolaw, sabiex jippromwovu żvilupp sostenibbli, drittijiet tal-bniedem, standards soċjali u ambjentali għoljin, konsum sostenibbli, integrazzjoni reġjonali, u jiġġieldu l-faqar, il-korruzzjoni u l-inugwaljanzi;
17. Jieħu nota tal-problemi li jirriżultaw mit-tkabbir enormi ta' metropoli kbar u l-isfidi li dan il-fenomeni jġib miegħu għas-sostenibbiltà soċjali u ambjentali; jappella għal żvilupp reġjonali bilanċjat u jfakkar li attività ekonomika msaħħa fiż-żoni rurali u fil-bliet iżgħar tnaqqas il-perssioni biex in-nies jemigraw lejn megaċentri urbani, biex b'hekk jittaffew il-problemi ta' urbanizzazzjoni u migrazzjoni bla kontroll; jenfasizza li strutturi reġjonali deċentralizzati jippromwovu ċ-ċirkolazzjoni ta' nutrijenti skarsi, bħall-fosfru, mill-bliet lura għall-produzzjoni agrikola;
18. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi katini tal-valur globali sostenibbli bl-introduzzjoni ta' sistemi ta' diliġenza dovuta għall-kumpaniji, b'enfasi fuq il-katina kollha tal-provvista tagħhom, biex b'hekk in-negozji jitħeġġew jinvestu b'aktar responsabbiltà u jstimulaw implimentazzjoni aktar effettiva tal-kapitoli tas-sostenibbiltà fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, inklużi l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-trasparenza, l-evitar tat-taxxa u kondotta responsabbli tan-negozju;
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaġġustaw mill-ġdid l-approċċ tagħhom lejn il-migrazzjoni bil-ħsieb li jiżviluppaw politika ta' migrazzjoni konformi mal-SDG 10 u perċezzjoni bbażata fuq il-fatti tal-migranti u l-persuni li jfittxu asil, u li jiġġieldu l-ksenofobija u d-diskriminazzjoni kontra l-migranti, kif ukoll bil-ħsieb li jsir investment f'muturi ewlenin għall-iżvilupp tal-bniedem; itenni t-tħassib tiegħu li l-politiki u l-istrumenti finanzjarji l-ġodda biex jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni rregolari u furzata jistgħu jiġu implimentati b'detriment għall-oġettivi tal-iżvilupp, u jitlob li l-Parlament Ewropew jingħata rwol ta' skritinju akbar f'dan ir-rigward sabiex jiżgura li l-għodod ta' finanzjament il-ġodda jkunu kompatibbli mal-bażi ġuridika, il-prinċipji u l-impenji tal-UE, speċjalment l-Aġenda 2030; jirrifjuta l-idea li l-kundizzjonalità tal-għajjnuna bbażata fuq il-kontroll tal-fruntieri, il-ġestjoni tal-flussi migratorji jew il-ftehimiet ta' riammissjoni jenħtieġ li tikkostitwixxi l-bażi ta' sħubija u kooperazzjoni għall-iżvilupp ma' pajjiżi terzi;
20. Jilqa' l-enfasi fuq l-investment fiż-żgħażaġħ bħala l-implimentaturi prinċipali tal-SDGs; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi sfruttat id-dividend demografiku tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta' politiki pubbliċi adegwati u investment fl-edukazzjoni u s-saħħa taż-żgħażaġħ, inkluża s-saħħa u l-edukazzjoni sesswali u riproduttiva; jenfasizza l-oportunità li fl-aħħar nett isir progress fl-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa bħala element essenzjali tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, u jħeġġeġ lill-UE tintegrahom fl-oqsma kollha ta' azzjoni esterna; jirrikonoxxi li dawn il-fatturi determinanti għall-

iżvilupp uman u l-kapital uman hemm bżonn li jingħataw prijorità sabiex ikun garantit l-iżvilupp sostenibbli;

21. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Pjattaforma tal-UE għal Diversi Partijiet Interessati bi rwol fis-segwitu u fl-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs tul is-setturi; jenfasizza l-ħtieġa ta' proċess inklużiv ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha u mas-soċjetà ċivili b'mod partikolari, bħala sieħeb attiv fil-proċess kollu tal-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rieżami tal-Aġenda 2030; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu fi programmi u kampanji ta' edukazzjoni mmirati, sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-Aġenda 2030 fost iċ-ċittadini.



**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	30.5.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 19 -: 0 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Stelios Kouloglou, Arne Lietz, Linda McAvan, Vincent Peillon, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Eleni Theoharous, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Ádám Kósa, Cécile Kashetu Kyenge, Paul Rübig, Judith Sargentini

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>19</b>	<b>+</b>
ALDE	Beatriz Becerra Basterrechea, Paavo Väyrynen
ECR	Eleni Theocharous
EFDD	Ignazio Corrao
PPE	Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Adam Kósa, Paul Rübig, Bogdan Brunon Wenta
S&D	Doru-Claudian Frunzuliță, Enrique Guerrero Salom, Cécile Kashetu Kyenge, Arne Lietz, Linda McAvan, Vincent Peillon, Elly Schlein
VERTS/ALE	Maria Heubuch, Judith Sargentini

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>3</b>	<b>0</b>
GUE/NGL	Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey
PPE	Anna Záborská

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni